MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Numru 284/1999

**Artikolu 3(1)(a)(1), 26(b) tal-Kap 66, artikolu 15(a)(b) tal-Kap 65 u artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta**
**u**
**MVR 33**

**Il-Pulizija**
**Supretendent Patrick Spiteri**
**Spettur Carmelo Bartolo**
**V**

**OMISSIS**
**JOSEPH PACE**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JOSEPH PACE** ta' erbgha w ghoxrin sena bin missier mhux maghruf u Polly nee Pace, imwieled Pieta nhar il-hmistax ta' Jannar 1975 u joqghod 17, Triq il-

Bacir, Pieta, detentur tal-karta tal-identita numru 98075M flimkien ma Joseph Debattista gew mressqa quddiemha u akkuzati talli nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 1999 u matul ix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, u cioe zewg snieter wiehed tal-ghamla Breda u l-iehor tal-ghamla Zabala, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghuhom jew imexxuhom, liema snieter gejjin minn zewg serqiet differenti, ikkwalifikati bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltin.

Talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zammew f'xi fond armi tan-nar u munizzjon jew kellhom f'idejhom jew fuqhom armi tan-nar u munizzjon mhux f'fond jew f'post li jaghmel mieghu.

Talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer wara li gew fil-pussess ta' armi tan-nar u munizzjon xort'ohra milli b'licenzja, naqsu li minnufih jaghtu avviz taghhom lil Kummissarju tal-Pulizija li jordna jekk dik l-arma tan-nar u munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-aviz.

Talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer zammew u/jew garrew zewg armi tan-nar u cioe zewg snieter isserrati u minizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Frar 1999 ghall-habta tas-sitta w kwart ta' filghodu f'Tal Pieta fil-hin li kienu qed jigu arrestati ghal ghemil ta' xi delitt, kellhom fuq il-persuna taghhom zewg armi tan-nar u cioe zewg snieter isserrati, armi regolari, imitazzjoni ta' armi tan-nar jew imitazzjoni ta' armi regolari.

Talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Frar 1999 ghall-habta tas-sitta w kwart ta' filghodu waqt li kienu f'Tal Pieta saqu l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAF 014 minghajr pjanci li juru in-nmumri ta' registrazzjoni ta' din il-vettura.

**JOSEPH PACE wahdu**

Talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Frar 1999 ghall-habta tas-sitta w kwart ta' filghodu waqt li kien f'Tal Pieta saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAF 014 minghajr licenzja tas-sewqan u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurta dwar r-riskji ta' terzi persuni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbatax ta' April 1999 esibit fl-atti a fol 8A sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati.

Rat li l-imputati fis-seduta tal-hmistax ta' April 1999 ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni sabiex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lil Prosekuzzjoni fis-seduta tal-erbatax ta' Mejju 2001 kif jirrizulta a fol 158, titlob s-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat Joseph Pace peress li l-ko-akkuzat Josef Paul Debattista kien qieghed taht arrest preventiv fl-Italja u l-Qorti laqghet t-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat Josef Paul Debattista w iddiferiet l-kawza fil-konfront ta' Joseph Paul Debattista sine die.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u l-provi tad-Difiza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat Joseph Pace kif registrata fl-atti fis-seduta tad-disgha ta' Gunju 2003 u fuq tali ammissjoni registrata fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Illi qabel ma l-Qorti ghaddiet biex tirregistra l-ammissjoni tal-imputat, osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta'

dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu ghat-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi rigward l-piena il-Qorti semghet lid-Difiza ssostni li l-imputat kellu problema ta' abbuz ta' droga u fil-fatt ressqet lil Joseph Gatt direttur tal-Caritas sabiex jixhed nhar t-tnax ta' Mejju 2003 dwar l-andament tal-imputat.

Illi l-istess **Joseph Gatt xehed wkoll nhar d-disgha ta' Gunju 2003** fejn qal li r-rizultat tal-urina tal-imputat ta rizultat posittiv ghal Opiates. Izda meta ccekkja r-raguni ghal dan, sab li l-imputat kien qed jiehu xi *antihistamine* bl-isem **Zyrtec** u li fih l-*opiates* u ghalhekk il-presenza tal-*opiates* kienet wahda legittima peress li dawn il-pilloli jinghataw biss b'ricetta tat-tabib.

Dan ix-xhud stqarr li l-imputat qed jikkollobora bis-shih maghhom billi jattendi laqghat regolari u r-rapport tieghu fil-konfront tal-imputat kien wiehed posittiv, tant li llum il-gurnata l-imputat wkoll sab impjieg regolari.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Il-Qorti rat wkoll l-fedina penali tal-imputat esbita a fol 118 tal-atti odjerni markata bhala dokument CB 3, minn fejn

jirrizulta li l-imputat nstab hati ta' reat wiehed fis-sena 1993 dwar ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku.

Illi l-imputat ikkolobora bis-shih mal-Prosekuzzjoni u dan sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe mill-mument meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu datata tmienja w ghoxrin ta' Frar 1999 li tinstab esibita fl-atti odjerni a fol 22 et seq markata bhala dokument CB 1 u minn ezami tal-istess jirrizultaw d-dettalji kollha tal-kaz li gew sussegwetement ppruvati mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti nnotat wkoll li z-zewgt isnieter gew esibiti l-Qorti nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 1999 minn PC 154 Cassar.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li dawn ic-cirkostanzi kollha fuq imsemmija, kollha huma ragunijiet validi ghal mitigazzjoni fil-piena fil-konfront tal-imputat odjern u ghalhekk ghar-ragunijiet premessi thoss li hemm ragunijiet specjali kif kontemplat fl-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jippermettu lil Qorti tinzel taht l-minimu fl-applikazzjoni ta' piena.

Il-Qorti thoss li l-piena idoneja f'dawn ic-cirkostanzi hija wahda ta' prigunerija u dan minhabba s-serjeta tar-reati, pero hija trid tikkreja bilanc bejn l-interess tas-socjeta u l-gustizzja li trid taghmel mal-imputat li wara kollox huwa wkoll jifforma parti mill-istess socjeta u ghalhekk thoss li piena karcerarja ghandha tkun wahda sospiza bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 3(1)(a)(1), 26(b) tal-Kap 66, artikolu 15(a)(b) tal-Kap 65 u artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u MVR 33, tiddikjara li qed issib lil imputat JOSEPH PACE hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar sospizi ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan tordna lil imputat jhallas multa ta' mitejn u hamsin lira maltin ai termini tal-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll li jigi skwalifikat mill-licenzji tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' sena mill-lum ai termini tal-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll l-konfiska tas-snieter u skratac esibiti f'dan l-atti favur il-Gvern ta' Malta.**

**Il-Qorti spjiegat lil imputat l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------